

Brussell, 2 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

6879/26  
ADD 1

DELECT 41  
PECHE 74

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1240 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-istabbiliment ta' miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali ( <i>Phocoena phocoena</i> ) fil-Baħar Baltiku

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 1240 annex.

Mehmuż: C(2026) 1240 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.2.2026  
C(2026) 1240 final

ANNEX

ANNEX

tar-

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-istabbiliment ta' miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiel inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku**

## ANNEX

L-Anness XIII, il-Parti A, tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa emendat kif ġej:

Il-punt 3.5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3.5. Il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw fiż-żoni msemmija fil-punti 3.1 sa 3.4, meta japplikaw restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq is-sajd bix-xbieki statiċi:

- (a) Il-bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru għandhom ikunu mgħammra:
  - (i) b'sistema tal-monitoraġġ tal-bastimenti (VMS, vessel monitoring system) kif imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; jew
  - (ii) b'sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS, automatic identification system) imsemmija fl-Artikolu 6a tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; jew
  - (iii) b'apparat ta' lokalizzazzjoni approvat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, li jista' jitttrażmetti d-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment u, fejn applikabbli, id-data u l-ħin, ir-rotta, il-veloçità u l-marka esterna ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd, kif ukoll kwalunkwe data rilevanti oħra stipulata fl-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni.

Jekk l-apparat ma jkunx jista' jintlaħaq minn network, id-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha tinħażen u tiġi trażmessa f'konformità mal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/2842.

Dawn il-miżuri għandhom japplikaw sal-10 ta' Jannar 2028.

- (b) Il-frekwenza tat-trażmissjoni tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment għandha tkun ta' mill-inqas darba kull 10 minuti, inkluż f'żona ta' twissija ta' 4 mili nawtiçi li għandha tiġi stabbilita għall-bastimenti li jużaw sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS, vessel monitoring system) li l-apparati tagħhom ma jappoġġawx il-bidla awtomatika fil-frekwenza tar-rapportar.
- (c) L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinforma lill-Istat Membru kostali:
  - (i) meta bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu jidħol fiż-żoni taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru kostali rilevanti, kif elenkati fil-punti 3.1 sa 3.4; u
  - (ii) dwar is-sistema jew l-apparat speçifiku użat mill-bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu.”

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/59/oj>).